Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15388/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0580 (CNS)

FISC 391
ECOFIN 1417
MI 1128
SAN 764
UD 318

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta’ Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk mhux maħdum, fuq it-tabakk manifatturat u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni) - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test ta' kompromess tal-Presidenza.

Abbozz ta'

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk mhux maħdum, fuq it-tabakk manifatturat u

fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Waqt li

jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Għandhom isiru għadd ta' emendi lid-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE[1]. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata.

(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala sostituti għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti, li jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, jenħtieġ li dawk is-sostituti jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u dazji tas-sisa minimi armonizzati fl-Unjoni. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jipprojbixxi ċerta kategorija ta' prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati f'konformità mal-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2014/40/UE[2].

(2a) It-tabakk għall-użu orali kif definit fl-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq skont l-Artikolu 17 ta' dik id-Direttiva. L-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, flimkien mal-Parti X tal-Anness XV tiegħu, jagħti lill-Iżvezja deroga minn dik il-projbizzjoni u jipprevedi li l-Iżvezja għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li t-tabakk għall-użu orali ma jitqiegħedx fis-suq ta' Stati Membri oħra.

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal- 21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (ĠU L 176, 5.7.2011, p. 24, (ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/64/oj)

2 Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/40/oj).

(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[3] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dak l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti tat-tabakk relatati minn pajjiżi terzi[4]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) żdiedu fil-popolarità, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Minbarra r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jirrappreżentaw dawk il-prodotti, dawn jista' jkollhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq lejn it-tipjip konvenzjonali.

(4) Wieħed mill- objettivi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huwa li jimmantjeni unjoni ekonomika, li l-karatteristiċi tagħha huma simili għal dawk ta' suq domestiku, fejn hemm kompetizzjoni attiva. Fejn jidħol tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk, l-intenzjoni wara dak il-għan hija biex l-applikazzjoni fl-Istati Membri tat-taxxi li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti fis-settur rilevanti ma toħloqx distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u ma tfixkilx il-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni.

(5) Jenħtieġ li t-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk jiġu definiti għall-finijiet ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni ta' tali prodotti għall-finijiet tar-regolazzjoni tal-manifattura, preżentazzjoni u bejgħ tagħhom fl-Unjoni.

[3] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[4] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk, distinti bil-karatteristiċi tagħhom u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.

(7) Jenħtieġ li rombli tat-tabakk li jistgħu jitpejpu kif inhuma wara manipulazzjoni sempliċi jkunu meqjusa bħala sigaretti għall-finijiet ta' tassazzjoni uniformi ta' dawk il-prodotti.

(8) Jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti, tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi.

(9) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, definizzjoni ta' sigaretti, sigarri u cigarillos, tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti, tabakk għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan għandha wkoll tiġi stabbilita biex tirrifletti dan li ġej: rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jitqiesu bħala żewġ sigaretti jew aktar huma ttrattati bħala żewġ sigaretti jew aktar. Madankollu, is-sigarri u s-cigarillos li għandhom similaritajiet viżivi mas-sigaretti, b'mod partikolari minħabba kisja tal-karta, jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala sigaretti. Tabakk għat-tipjip li huwa simili f'ħafna aspetti għal tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti huwa ttrattat bħala tabakk imqatta' fin. It-tabakk li jista' jintuża f'pipa tal-ilma huwa ttrattat bħala tabakk tal-pipa tal-ilma. It-tabakk li jissaħħan jew inkella jiġi attivat b'reazzjoni kimika u li jkun maħsub għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni jiġi ttrattat bħala tabakk imsaħħan. Tabakk ieħor ippreparat u maħsub għall-konsum mill-bniedem huwa ttrattat bħala tabakk manifatturat ieħor. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-iskart tat-tabakk ikun definit b'mod ċar.

(9a) Sabiex tiġi żgurata tassazzjoni uniformi u effettiva, jenħtieġ li l-prodotti tat-tabakk, l-ewwel nett, jiġu kklassifikati taħt l-aktar kategorija speċifika u xierqa kif stipulat f'din id-Direttiva. F'każijiet fejn ikun hemm inċertezza ġenwina u sinifikanti fir-rigward tal-kategorija tat-taxxa xierqa għal prodott, minħabba li l-prodott jaqa' fid-definizzjoni ta' aktar minn kategorija waħda, abbażi kemm tal-karatteristiċi oġġettivi kif ukoll tal-użu tipiku, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni li jinsab f'din id-Direttiva jiġi applikat mill-Istati Membri. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jiġi applikat biss meta ma jkunx raġonevolment possibbli għal Stat Membru li jiddetermina l-kategorija unika u l-aktar xierqa għat-tassazzjoni.

(10) Il-prodotti relatati mat-tabakk spiss jissostitwixxu l-prodotti tat-tabakk manifatturati billi jiffaċilitaw il-konsum tan-nikotina fil-ġisem tal-bniedem. Fl-interessi tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, jenħtieġ li jiġu definiti l-likwidi għal sigaretti elettroniċi, il-boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina.

(11) Jenħtieġ li manifattur jiġi definit bħala persuna fiżika jew ġuridika li fil-fatt jipprepara t-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jew li jkollu tali prodott iddiżinjat jew manifatturat, u jikkummerċjalizza dak il-prodott taħt ismu jew it-trademark tiegħu.

(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw.

(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, jenħtieġ li r-rata tal-Unjoni użata biex jiġi determinat id-dazju tas-sisa għal kull kategorija ta' prodotti tiġi aġġornata kull tliet snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni, li jenħtieġ li jiddeċiedi tali aġġornament. L-għoti ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill jirrifletti l-prerogattivi tal-Kunsill skont l-Artikolu 113 TFUE u jirrifletti n-natura politikament sensittiva tal-indiċjar.

(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatt tad-dazji tas-sisa minimi madwar l-Istati Membri, ġew introdotti żewġ mekkaniżmi alternattivi għall-aġġustament tar-rati minimi tad-dazju tas-sisa permezz ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaġġustaw, fil-livell nazzjonali, ir-rati tal-Unjoni użati biex jiddeterminaw id-dazju tas-sisa minimu għal kull kategorija skont l-indiċi tal-livell tal-prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat (sett ta' data PRC_PPP_IND) biex titqies is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Inkella, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaġġustaw, fil-livell nazzjonali, ir-rati tal-Unjoni użati biex jiddeterminaw id-dazju tas-sisa minimu għal kull kategorija billi japplikaw aġġustament 'il fuq fiss ta' mill-inqas 3 %. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għażla magħżula għall-aġġustament tad-dazji tas-sisa minimi fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li tali aġġustament jiġi rivedut kull tliet snin.

(14a) Diversi Stati Membri, inkluż il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja, ikollhom bżonn iżidu r-rati tad-dazju tas-sisa nazzjonali tagħhom għas-sigaretti b'aktar minn 2.35 % bħala medja fis-sena mill-1 ta' Jannar 2025 biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, ikunu permessi perjodi tranżizzjonali addizzjonali biex jadattaw mingħajr xkiel għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv.

(14b) l-Istati Membri li jikkwalifikaw għall-perjodi tranżizzjonali addizzjonali għas-sigaretti jikkwalifikaw ukoll għal perjodi tranżitorji addizzjonali għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti sabiex jadattaw mingħajr xkiel għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv.

(15) Jenħtieġ li l-istruttura tad-dazju tas-sisa fuq is-sigaretti tinkludi, flimkien ma' komponent speċifiku kkalkolat fuq kull unità tal-prodott, komponent proporzjonali bbażat fuq il-prezz tal-bejgħ bl-imnut, li jinkludi t-taxxi kollha. It-taxxa fuq il-fatturat tas-sigaretti għandha l-istess effett ta' dazju tas-sisa *ad valorem* u jenħtieġ li dak il-fatt jiġi kkunsidrat meta r-relazzjoni bejn il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa u l-piż totali tat-taxxa tiġi stabbilita.

(16) Mingħajr preġudizzju għall-istruttura mħallta tat-taxxa u l-persentaġġ massimu tal-komponent speċifiku tal-piż totali tat-taxxa, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimponu dazju tas-sisa speċifiku jew minimu fuq is-sigaretti, sabiex jiżguraw li tal-anqas ċertu livell minimu ta' tassazzjoni japplika madwar l-Unjoni.

(17) Fir-rigward tas-sigaretti, jenħtieġ li kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni għall-manifatturi jkunu żgurati, jenħtieġ li d-diviżjoni tas-swieq tat-tabakk titnaqqas u jenħtieġ li l-objettivi tas-saħħa jkunu enfasizzati. Għalhekk, jenħtieġ li rekwiżit minimu relatat mal-prezz jirreferi għall-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, waqt jenħtieġ li minimu monetarju jkun applikabbli għas-sigaretti kollha. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li l-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut iservi wkoll bħala referenza għall-kejl tal-importanza ta' dazju tas-sisa speċifiku fil-piż totali tat-taxxa.

(17a) Fil-każ speċifiku tal-Ungerija, meta, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti, il-prezz tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti huwa marbut ma' marġni minimu obbligatorju ta' bejgħ bl-imnut, jenħtieġ li jkun permess livell aktar baxx għall-konformità mar-rekwiżit minimu relatat mal-prezz, peress li l-marġni obbligatorju ta' bejgħ bl-imnut jirriżulta f'żieda awtomatika sinifikanti tal-bażi ta' referenza li magħha titkejjel il-konformità ma' rekwiżit minimu relatat mal-prezz.

(18) Ċertu livell ta' konverġenza tal-livell ta' tassazzjoni jgħin biex jiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.

(19) Fid-dawl tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika speċifika tiegħu, jenħtieġ li l-Portugall ikun jista' japplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa għal sigaretti magħmula minn produtturi li jaħdmu fuq skala żgħira u kkonsmati fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u ta' Madeira.

(20) Fir-rigward ta' prodotti li mhumiex sigaretti, jenħtieġ li tiġi stabbilita inċidenza armonizzata ta' taxxa għall-prodotti kollha li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' tabakk manifatturat jew ta' prodotti relatati mat-tabakk. L-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ jew bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta' unitajiet jew bħala ammont għal kull millilitru huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern.

(21) Biex tinqabad l-eterożeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, jew bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern.

(22) F'dak li jirrigwarda l-livelli ta' tassazzjoni, b'mod partikolari għas-sigaretti — li huma bl-aktar mod ċar l-akbar kategorija ta' prodotti tat-tabakk — kif ukoll għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti, għad hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri li jistgħu jfixklu l-funzjonament t-tħaddim tas-suq intern. Ċertu grad ta' konverġenza bejn il-livelli ta' tassazzjoni applikati fl-Istati Membri jgħin biex jitnaqqsu l-frodi u l-kuntrabandu fl-Unjoni.

(23) Dwar it-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti, jenħtieġ li rekwiżit minimu tal-Unjoni relatat mal-prezz jiġi espress b'tali mod li jinkisbu effetti simili għal dawk fil-qasam tas-sigaretti u jenħtieġ li jieħu l-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut bħala l-punt ta' referenza.

(24) Jenħtieġ li d-dazju tas-sisa minimu għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġieb aktar qrib id-dazju tas-sisa minimu applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom. Bl-istess mod, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa minimu għas-sigarri u s-cigarillos u għal tabakk ieħor għat-tipjip jiżdied biex titnaqqas id-diskrepanza mar-rata tad-dazju tas-sisa għas-sigaretti, biex tintlaħaq konverġenza progressivament bejn il-prodotti u jiġi minimizzat ir-riskju ta' sostituzzjoni tal-prodotti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu dazju tas-sisa minimu differenti għas-sigarri u s-cigarillos, sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tagħhom.

(25) Fir-rigward tat-tabakk tal-pipa tal-ilma, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu dazju tas-sisa minimu aktar baxx minn dak għal tabakk ieħor għat-tipjip, sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tat-tabakk tal-pipa tal-ilma.

(26) Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni fis-settur tat-tabakk, huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' taxxa għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għat-tabakk imsaħħan u għal tabakk manifatturat ieħor. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll livelli minimi ta' taxxa għall-prodotti relatati mat-tabakk li jistgħu jitqiesu bħala sostituti għall-prodotti tat-tabakk minn perspettiva fiskali.

(27) Jenħtieġ li l-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, ikunu soġġetti għal dazju tas-sisa minimu, sabiex jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali u biex jiġi evitat l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself".

(28) Sa fejn dazji tas-sisa huma kkonċernati, l-armonizzazzjoni tal-istrutturi għandha, b'mod partikolari, tirriżulta f'kompetizzjoni fid-diversi kategoriji ta' tabakk manifatturat li jiffurmaw parti mill-istess grupp li ma ġġarrabx distorsjoni bl-effetti tal-imposizzjoni tat-taxxa u, konsegwentement, fil-ftuħ tas-swieq nazzjonali tal-Istati Membri.

(29) Fid-dawl tar-rati differenti tad-dazju tas-sisa applikabbli fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti perjodi tranżizzjonali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw mingħajr xkiel għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, u b'hekk jiġu limitati l-effetti sekondarji possibbli.

(30) Sabiex tiġi evitata d-devjazzjoni tat-tabakk mhux maħdum lejn il-manifattura illeċita u l-evażjoni tat-taxxa konsegwenzjali, jenħtieġ li t-tabakk mhux maħdum ikun soġġett għal dazju tas-sisa minimu. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi definit it-tabakk mhux maħdum. L-istabbiliment ta' rata minima ta' żero għad-dazju tas-sisa għat-tabakk mhux maħdum huwa proporzjonat mal-objettiv li jiġu indirizzati l-evażjoni u l-frodi tat-taxxa u li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja.

(31) Il-bżonnijiet imperattivi ta' kompetizzjoni jimplikaw sistema ta' prezzijiet iffurmati liberament għall-gruppi kollha ta' tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi, ir-rappreżentanti jew l-aġenti awtorizzati tagħhom fl-Unjoni jitħallew jiddeterminaw liberament il-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut għal kull wieħed mill-Istati Membri li għalihom il-prodotti inkwistjoni jridu jiġu rilaxxati għall-konsum.

(32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jipprovdu eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa jew jagħtu rifużjonijiet tad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' tabakk mhux maħdum, ċerti tipi ta' tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk manifatturati skont l-użu li jsir minnhom.

(33) Sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti rapporti fuq bażi regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn teżamina partikolarment il-livelli ta' tassazzjoni filwaqt li tqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, is-saħħa pubblika, il-valur reali tar-rati tad-dazju tas-sisa u d-differenzi bejn id-dħul dovut u dak miġbur mis-sisa.

(34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jissottomettu l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiddetermina lista ta' data statistika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri meħtieġa għar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(35) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina din id-Direttiva, filwaqt li tqis ir-reviżjoni futura tad-Direttiva 2014/40/UE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk).

(36) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttivi ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttivi ta' qabel.

(37) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali u d-dati ta l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B, tad-Direttiva 2011/64/UE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

SUĠĠETT

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipji ġenerali għall-armonizzazzjoni tal-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa li l-Istati Membri jimponu fuq it-tabakk mhux maħdum, it-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għat-tabakk għall-użu orali, kif imsemmi fil-paragrafu (a) tal-Parti X tal-Anness XV tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja.

KAPITOLU 2

DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 2

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk manifatturat" tfisser:

   (a) sigaretti;

   (b) sigarri u cigarillos

   (c) tabakk għat-tipjip:

      (i) tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti;

      (ii) tabakk ieħor għat-tipjip;

(d) tabakk tal-pipa tal-ilma

(e) tabakk imsaħħan;

(f) tabakk manifatturat ieħor.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "prodotti relatati mat-tabakk" tfisser:

(a) likwidi għas-sigaretti elettroniċi;

(b) borox tan-nikotina;

(c) prodotti oħra tan-nikotina.

3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk mhux maħdum" tfisser kwalunkwe forma ta' tabakk maħsud li mhuwiex tabakk manifatturat.

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "nikotina" tfisser kull forma ta' nikotina inkluż in-nikotina sintetika u l-analogi tagħha.

5. Prodotti li m'għandhomx tabakk u li jintużaw esklużivament għal finijiet li mediċi m'għandhomx jiġu meqjusa bħala tabakk manifatturat jew prodotti relatati mat-tabakk.

6. Minkejja dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni, id-definizzjonijiet fl-Artikoli 3 sa 10 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-għażla tas-sistema u l-livell ta' tassazzjoni li għandhom japplikaw għall-gruppi differenti ta' prodotti msemmija f'din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sigaretti" tfisser:

   (a) rombli tat-tabakk li jistgħu jitpejpu kif inhuma permezz ta' proċess ta' kombustjoni u li mhumiex sigarri jew cigarillos;

   (b) rombli tat-tabakk li, b'manipulazzjoni mhux industrijali sempliċi, huma mdaħħla f'tubi tal-karta tas-sigaretti; jew

   (c) rombli tat-tabakk li, b'manipulazzjoni mhux industrijali sempliċi, huma mgeżwra f'karti tas-sigaretti.

2. Għall-fini ta' din id-Direttiva, "romblu tat-tabakk" tfisser żewġ sigaretti fejn, meta teskludi l-filter jew il-bokkin, ir-romblu tat-tabakk huwa itwal minn 8 cm iżda mhux itwal minn 11 cm, jew tliet sigaretti fejn, meta teskludi l-filter jew il-bokkin, huwa itwal minn 11 cm iżda mhux itwal minn 14 cm, u l-kumplament.

3. Prodotti magħmula kollha kemm huma jew parzjalment in parti minn sustanzi li mhux tabakk iżda li xorta jaqgħu fid-definizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ttrattati bħala sigaretti.

Artikolu 4

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sigarri" jew "cigarillos" tfisser dawn li ġejjin, jekk, minħabba l-karatteristiċi tagħhom u l-aspettattivi normali tal-konsumatur, huma kapaċi li jitpejpu kif inhuma permezz ta' proċess ta' kombustjoni:

   (a) rombli tat-tabakk b'qoxra ta' barra ta' tabakk naturali li tkopri l-prodott kollu inkluż, fejn rilevanti, il-filtru, iżda mingħajr ebda saff ieħor li parzjalment jgħatti l-qoxra ta' barra; fir-rigward tas-sigarri bil-bokkin, il-qoxra ta' barra ma għandhiex tgħatti l-bokkin;

(b) rombli tat-tabakk b'mili b'taħlita misħuqa u għandhom qoxra ta' barra ta' kulur normali ta' sigarru, ta' tabakk rikostitwit, li jgħatti l-prodott kollu, inkluż fejn adatt il-filter iżda mhux, fil-każ ta' sigarri bil-bokkin, il-bokkin, fejn il-piż ta' unità, mhux inkluż il-filter jew il-parti tal-ħalq, mhuwiex anqas minn 2,3 g u mhux aktar minn 10 g, u ċ-ċirkonferenza fuq tal-anqas terz tat-tul mhix anqas minn 34 mm.

2. Prodotti li jikkonsistu parzjalment f'sustanzi li mhumiex tabakk iżda li jaqgħu fid-definizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandhom ikunu meqjusa bħala sigarri jew cigarillos.

3. Prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, li għandhom similaritajiet viżivi mas-sigaretti, b'mod partikolari kisja tal-karta, għandhom jiġu ttrattati bħala sigaretti.

Artikolu 5

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk għat-tipjip" tfisser:

(a) tabakk li ġie mqatta' jew maqsum, mibrum jew ikkompressat fi blokok li jista' jintuża għat-tipjip permezz ta' proċess ta' kombustjoni mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri;

(b) skart tat-tabakk impoġġi għall-bejgħ bl-imnut li ma jaqax taħt l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 li jista' jiġi mpejjep.

1.a Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "skart tat-tabakk" tfisser fdal mill-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji miksuba mill-ipproċessar tat-tabakk jew mill-manifattura ta1' prodotti tat-tabakk.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti" tfisser tabakk għat-tipjip li fih aktar minn 25 % tal-piż tal-partiċelli tat-tabakk għandhom wisa' mqatta' ta' anqas minn 1,5 mm.

Stati Membri jistgħu jqisu bħala tabakk għat-tipjip fejn aktar minn 25 % tal-piż ta' partiċelli tat-tabakk li għandhom wisa' maqsum ta' 1,5 mm jew aktar u li kien mibjugħ jew intenzjonat biex jinbiegħ għall-irrumblar tas-sigaretti biex ikun "tabakk imqatta' fin għall-irrumblar tas-sigaretti".

3. Prodotti magħmula kollha kemm huma jew parzjalment minn sustanzi li mhux tabakk iżda li xorta jaqgħu taħt id-definizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għandhom ikunu meqjusa bħala tabakk għat-tipjip.

Artikolu 6

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk tal-pipa tal-ilma" tfisser tabakk li jista' jintuża f'pajp tal-ilma għall-produzzjoni ta' emissjonijiet li jiġu mgħoddija minn likwidu qabel ma jingħibed man-nifs mill-utenti.

2. Prodotti magħmula kollha kemm huma jew parzjalment minn sustanzi li mhux tabakk iżda li xorta jaqgħu taħt id-definizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għandhom ikunu meqjusa bħala tabakk tal-pipa tal-ilma.

Artikolu 7

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk imsaħħan" tfisser tabakk li huwa msaħħan jew attivat mod ieħor b'reazzjoni kimika jew b'xi mezz ieħor mingħajr kombustjoni biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina jew kimiċi oħra, maħsuba għall-inalazzjoni mill-utenti, ħlief permezz ta' pipa tal-ilma.

2. Meta t-tabakk imsaħħan jiġi ntaxxat għal kull oġġett f'konformità mal-Artikolu 20(1) il-punt (b), oġġett tat-tabakk imsaħħan għandu, għall-finijiet tad-dazju tas-sisa, jitqies bħala żewġ oġġetti fejn il-kontenut tat-tabakk ikun ogħla minn 0,45 gramma iżda mhux ogħla minn 0,75 gramma, bħala tliet oġġetti meta l-kontenut tat-tabakk ikun ogħla minn 0,75 gramma iżda mhux ogħla minn 1,05 gramma, u l-kumplament.

3. Prodotti magħmula kollha kemm huma jew parzjalment minn sustanzi li mhux tabakk iżda li xorta jaqgħu taħt id-definizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, ħlief il-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, għandhom ikunu ttrattati bħala tabakk imsaħħan.

Artikolu 7a

F'ċirkostanzi fejn, minħabba l-proprjetajiet tagħhom u l-aspettattivi normali tal-konsumatur, Stat Membru jiddetermina li prodott jaqa' taħt id-definizzjoni ta' aktar minn kategorija waħda ta' prodott kif definit fl-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 7 ta' din id-Direttiva, tali prodotti għandhom jiġu ttrattati kif ġej:

1. Il-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet kemm ta' sigaretti kif ukoll ta' tabakk għat-tipjip għandhom jiġu ttrattati bħala sigaretti.

2. Il-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet kemm ta' sigarri jew cigarillos kif ukoll ta' tabakk għat-tipjip għandhom jiġu ttrattati bħala sigarri jew cigarillos.

3. Il-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet kemm tat-tabakk tal-pipa tal-ilma kif ukoll tat-tabakk tat-tipjip għandhom jiġu ttrattati bħala tabakk tal-pipa tal-ilma.

4. Il-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet kemm tat-tabakk imsaħħan kif ukoll tas-sigaretti għandhom jiġu ttrattati bħala tabakk imsaħħan.

5. Il-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet kemm ta' tabakk imsaħħan kif ukoll ta' sigarri jew cigarillos għandhom jiġu ttrattati bħala tabakk imsaħħan.

6. Il-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet kemm tat-tabakk imsaħħan kif ukoll tat-tabakk għat-tipjip għandhom jiġu ttrattati bħala tabakk imsaħħan.

Artikolu 8

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "tabakk manifatturat ieħor" tfisser prodotti li fihom it-tabakk, ippreparati u maħsuba għall-konsum mill-bniedem ħlief għas-sigaretti, is-sigarri u s-cigarillos, it-tabakk għat-tipjip, it-tabakk tal-pipa tal-ilma u t-tabakk imsaħħan.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "prodotti li fihom it-tabakk ippreparat u maħsub għall-konsum mill-bniedem" tfisser prodotti li fihom it-tabakk li permezz ta' manipulazzjoni mhux industrijali sempliċi jkunu kapaċi li jwassalu n-nikotina għad-dħul fil-ġisem tal-bniedem jew jiffaċilitaw dan il-konsum.

Artikolu 9

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "likwidi għas-sigaretti elettroniċi" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) likwidi li fihom in-nikotina li jistgħu jintużaw f'sigaretti elettroniċi jew apparati vaporizzanti simili jew biex jerġgħu jimtlew is-sigaretti elettroniċi jew apparati ta' vaporizzazzjoni simili;

   (b) likwidi li ma fihomx in-nikotina li huma maħsuba biex jintużaw f'sigaretti elettroniċi jew apparati vaporizzanti simili jew biex jerġgħu jimtlew is-sigaretti elettroniċi jew apparati simili ta' vaporizzazzjoni.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sigarett elettroniku" tfisser prodott li jista' jintuża għall-konsum ta' fwar, jew kwalunkwe komponent ta' dak il-prodott li jista' jintrema jew jerġa' jimtela, jew li jista' jerġa' jiġi ċċarġjat.

Artikolu 10

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "boroż tan-nikotina" tfisser prodotti li fihom in-nikotina maħsuba għall-konsum orali li huma mħallta ma' fibri tal-pjanti jew sottostrat ekwivalenti, li huma ppreżentati f'porzjonijiet fi qratas jew qratas poruż jew f'format ekwivalenti u li ma fihomx tabakk.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "prodotti oħra tan-nikotina" tfisser prodotti għall-konsum mill-bniedem li fihom in-nikotina u li ma fihomx it-tabakk li jistgħu jintużaw għall-konsum tan-nikotina fil-ġisem tal-bniedem, għajr boroż tan-nikotina u likwidi għas-sigaretti elettroniċi.

Artikolu 11

Għall-fini ta' din id-Direttiva, "manifattur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li timmanifattura prodott jew li jkollha tali prodott iddisinjat jew immanifatturat, u li tikkummerċjalizza dak il-prodott taħt isimha jew il-marka kummerċjali tagħha.

KAPITOLU 3

KALKOLU TAD-DAZJU TAS-SISA FUQ IT-TABAKK MANIFATTURAT U FUQ IL-PRODOTTI RELATATI MAT-TABAKK

Artikolu 12

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-valur kumulattiv ta' dazju speċifiku jew dazju *ad valorem* jew it-tnejn li huma eskluż il-VAT ("dazju tas-sisa kumplessiv") fuq tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk, jirrispetta d-dazji tas-sisa minimi stipulati fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2), fl-Artikolu 22(2) u (5).

Id-dazji tas-sisa minimi applikabbli fl-Istati Membri għat-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk stipulati fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 22(2) u (5) għandhom jiġu aġġustati kull tliet snin f'konformità mal-Artikoli 12a u 12b.

Artikolu 12a

1. Mill-1 ta' Jannar 2035, ir-rata tal-Unjoni użata biex jiġi determinat id-dazju tas-sisa minimu ta' prodott, kif prevista fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 22(2) u (5) tista' tiġi aġġustata, f'konformità mal-paragrafu 2a, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali fil-valur medju annwali tal-oġġetti kollha tal-Unjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) kif ippubblikat mill-Eurostat kif imkejjel matul it-tliet snin kalendarji immedjatament qabel is-sena preċedenti.

2. Għall-kalkolu tal-aġġustament tar-rata tal-Unjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika l-formula li ġejja, jekk wieħed jassumi li y hija l-ewwel sena li għandha tapplika r-rata aġġustata:

$$Rata\ tal-Unjoni_y = \left[\frac{\mathrm{HICP}_{y-2}}{\mathrm{HICP}_{y-\mathbf{5}}}\right] \times Rata\ tal-Unjoni_{y-3}$$

2a. Id-deċiżjoni biex tiġi aġġustata r-rata tal-Unjoni għandha tittieħed mill-Kunsill permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat b'unanimità fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-ewwel proposta sal-1 ta' Jannar 2034 sabiex tiżgura l-applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2035, u għandha tippreżenta proposti addizzjonali kull tliet snin minn hemm 'il quddiem. Meta jiddeċiedi jekk jadottax deċiżjoni li taġġusta r-rata tal-Unjoni, il-Kunsill għandu jqis l-iżviluppi ekonomiċi ġenerali kif ukoll il-ħtieġa li d-dazji tas-sisa jiskoraġġixxu l-konsum tat-tabakk manifatturat u tal-prodotti relatati mat-tabakk.

Artikolu 12b

1. Mill-1 ta' Lulju 2028 il-parti tar-rata minima espressa bħala ammont jew għal kull kilogramma, għal kull millilitru, jew għal għadd partikolari ta' oġġetti applikabbli fi Stat Membru għandha tkun:

   (a) is-somma ta' terz tar-rata tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti mmultiplikata bl-indiċi tal-livell tal-prezzijiet (PLI) diviż b'mija, bl-addizzjoni ta' żewġ terzi tar-rata tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-indiċi tal-livell tal-prezzijiet (PLI) ifisser l-indiċi ppubblikat minn Eurostat li jesprimi l-livell tal-prezzijiet ta' Stat Membru partikolari għall-konsum individwali attwali meta mqabbel mal-medja ponderata tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw il-PLI tas-sena immedjatament qabel is-sena preċedenti; jew

   (b) is-somma tar-rata tal-Unjoni u tar-rata tal-Unjoni għall-kategorija korrispondenti mmultiplikata bi 3 %. Għall-finijiet ta' din il-formula, ir-rata tal-Unjoni għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12a.

2. Għall-kalkolu tal-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom japplikaw il-formula li ġejja, jekk wieħed jassumi li y hija l-ewwel sena li għandha tapplika r-rata aġġustata:

$$SM\ Minimu\ Applikabbli\ Rata = \left(\frac{1}{3} \times Rata\ tal-Unjoni_{y} \times \frac{SM\ PLI_{\ y-2}}{100}\right) + \left(\frac{2}{3} \times Rata\ tal-Unjoni_{y}\right)$$

2a. "L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-għażla tagħhom li jaġġustaw ir-rati minimi f'konformità mal-paragrafu 1(a) jew (b), mill-inqas 4 xhur qabel l-adozzjoni.

2b. "L-għażla li ssir mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull aġġustament sussegwenti ta' tliet snin, dment li l-Istat Membru ma jinfurmax lill-Kummissjoni mod ieħor, mill-inqas erba' xhur qabel l-adozzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 12, matul il-perjodi tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu16(3) sa (6), fl-Artikolu 20(4) u (5), l-Artikolu 22(3) u (4) u fl-Artikolu 22(6) u (7), id-dazji tas-sisa minimi applikabbli fl-Istati Membri għat-tabakk manifatturat u għall-prodotti relatati mat-tabakk għandhom jiġu aġġustati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

4. B'deroga mill-Artikolu 12, matul il-perjodi tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 16a, id-dazji tas-sisa minimi applikabbli fl-Istati Membri għal sigaretti għandhom jiġu aġġustati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 12c

1. Mill-1 ta' Lulju 2028, kull Stat Membru għandu jiżgura li d-dazju tas-sisa kumplessiv fuq it-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk jirrispetta l-livelli minimi ta' taxxa speċifikati fl-Artikolu 16, l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 22(2) u (5) kif aġġustati f'konformità mal-Artikolu 12b.

2. Mill-1 ta' Jannar 2035, u kull tliet snin wara dan, kull Stat Membru għandu jiżgura li d-dazju tas-sisa kumplessiv fuq it-tabakk manifatturat u l-prodotti relatati mat-tabakk jirrispetta l-livelli minimi ta' taxxa speċifikati fl-Artikolu 16, l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 22(2) u (5) kif aġġustati, l-ewwel f'konformità mal-Artikolu 12a u mbagħad skont l-Artikolu 12b.

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAS-SIGARETTI

Artikolu 13

1. Sigaretti manifatturati fl-Unjoni u dawk impurtati minn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għal dazju tas-sisa *ad valorem* ikkalkolat fuq il-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut, inkluż dazji doganali, u anke għal dazju tas-sisa speċifiku kkalkolat fuq kull unità tal-prodott.

   L-Istati Membri jistgħu jeskludu d-dazji doganali mill-bażi għall-kalkolu tad-dazju tas-sisa *ad valorem* fuq is-sigaretti.

2. Ir-rata tad-dazju tas-sisa *ad valorem* u l-ammont tad-dazju tas-sisa speċifiku għandhom ikunu l-istess għas-sigaretti kollha.

3. Fl-istadju finali tal-armonizzazzjoni tal-istrutturi, l-istess relazzjoni għandha tiġi stabbilita għas-sigaretti f'kull Stat Membru bejn id-dazju tas-sisa speċifiku u s-somma tad-dazju tas-sisa *ad valorem* u t-taxxa fuq il-fatturat, b'tali mod li l-firxa tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tirrifletti b'mod ġust id-differenza fil-prezzijiet tal-kunsinna tal-manifatturi.

4. L-Istati Membri jistgħu jimponu dazju tas-sisa minimu fuq is-sigaretti, dment li jiġu rispettati l-istruttura mħallta ta' tassazzjoni u l-faxxa tal-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 14

1. Il-persentaġġ tal-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa fl-ammont tal-piż tat-taxxa totali fuq is-sigaretti għandu jiġi stabbilit b'referenza għall-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut.

2. Il-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun ikkalkulat b'referenza għall-valur totali tas-sigaretti kollha rilaxxati għall-konsum, ibbażat fuq il-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, diviż bil-kwantità totali ta' sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dan għandu jiġi ddeterminat mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena abbażi ta' data relatata mar-rilaxx għall-konsum kollu li jkun sar fis-sena kalendarja preċedenti.

3. Il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa fuq is-sigaretti ma għandux ikun inqas minn 7,5 % u ma għandux ikun aktar minn 76,5 % tal-ammont tal-piż totali tat-taxxa li jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' li ġej:

   (a) dazju tas-sisa speċifiku;

   (b) id-dazju tas-sisa *ad valorem* u l-VAT imposta fuq il-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut.

4. Meta bidla fil-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti sseħħ fi Stat Membru, u b'hekk iġġib il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa, espress bħala perċentwal tal-piż totali tat-taxxa, taħt il-perċentwal ta' 7,5 % jew 'il fuq mill-perċentwal ta' 76,5 % tal-piż totali tat-taxxa, l-Istat Membru kkonċernat jista' ma jaġġustax l-ammont tad-dazju tas-sisa speċifiku sal-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha sseħħ il-bidla.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa minimu fuq is-sigaretti f'konformità mar-skont ir-regoli previsti fl-Artikoli 13 sa 17.

2. Il-paragrafu 1 għandu jgħodd għat-taxxi li, skont l-Artikoli 13 sa 17, jiġu imposti fuq sigaretti u li jikkonsistu:

   (a) f'dazju tas-sisa speċifiku għal kull unità tal-prodott;

   (b) f'dazju tas-sisa *ad valorem* ikkalkolat fuq il-bażi tal-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut; u

   (c) f'VAT proporzjonali għall-prezz tal-bejgħ bl-imnut.

Artikolu 16

1. Id-dazju tas-sisa kumplessiv fuq is-sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 60 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dak id-dazju tas-sisa kumplessiv ma għandux ikun inqas mir-rata tal-Unjoni ta' EUR 200 għal kull 1 000 sigarett, aġġustat f'konformità mal-Artikolu 12, irrispettivament mill-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut.

2. Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-inqas ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 255 għal kull 1 000 sigarett, aġġustat f'konformità mal-Artikolu 12, fuq il-bażi tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżit ta' dazju tas-sisa kumplessiv ta' 60 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum stipulat fil-paragrafu 1.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, mill-1 ta' Lulju 2028 sal-31 ta' Diċembru 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas EUR 140 għal kull 1 000 oġġett inkluż it-taxxi kollha għas-sigaretti.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Lulju 2028 sal-31 ta' Diċembru 2029, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-inqas ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 177 għal kull 1 000 sigarett, fuq il-bażi tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżit ta' dazju tas-sisa kumplessiv ta' 60 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum stipulat fil-paragrafu 1.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2031, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas EUR 170 għal kull 1 000 oġġett inkluż it-taxxi kollha għas-sigaretti.

6. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2031, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-inqas ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 215 għal kull 1 000 sigarett, fuq il-bażi tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżit ta' dazju tas-sisa kumplessiv ta' 60 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum stipulat fil-paragrafu 1.

7. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Ungerija ma għandhiex għalfejn tikkonforma mar-rekwiżit ta' dazju tas-sisa kumplessiv ta' 60 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum stipulat fil-paragrafu 1, dment li l-Ungerija timponi dazju tas-sisa ta' mill-inqas ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 230 għal kull 1 000 sigarett, aġġustat f'konformità mal-Artikolu 12.

   Din id-deroga għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2032 dment li l-marġni obbligatorju tal-bejgħ bl-imnut marbut mal-prezz tal-bejgħ bl-imnut jammonta għal mill-inqas 13 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti.

Artikolu 16a

1. B'deroga mill-Artikolu 16, l-Istati Membri li jkollhom bżonn iżidu r-rati nazzjonali tad-dazju tas-sisa tagħhom għas-sigaretti b'aktar minn medja ta' 2.35 % fis-sena mill-1 ta' Jannar 2025 biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16, il-paragrafi 1 u 2, jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 16 sal-31 ta' Diċembru 2031 u jipposponu u jestendu l-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 16 mill-1 ta' Jannar 2032 sal-31 ta' Diċembru 2035.

2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jipposponu jew jestendu l-perjodi ta' żmien f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minn qabel.

3. Mill-1 ta' Jannar 2036, l-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga stipulata fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li r-rata minima tad-dazju tas-sisa applikata tkun f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16, kif kienet tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12, 12a u 12b.

Artikolu 17

1. Fejn bidla fil-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut isseħħ fi Stat Membru, u b'hekk iġġib id-dazju tas-sisa kumplessiv taħt il-livelli indikati f l-Artikolu 16, il-paragrafu 1, l-ewwel sentenza, l-Istat Membru kkonċernat jista' ma jaġġustax dak id-dazju sal-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha sseħħ il-bidla.

2. Fejn Stat Membru jżid ir-rata tal-VAT fuq is-sigaretti, huwa jista' jnaqqas id-dazju tas-sisa kumplessiv sa ammont li, espress bħala perċentwal tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, huwa ugwali għaż-żieda fir-rata tal-VAT, espressa wkoll bħala perċentwal tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, anke jekk aġġustament bħal dan għandu l-effett li jnaqqas id-dazju tas-sisa kumplessiv sa taħt il-livelli, espressi bħala perċentwal tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut, stipulati f l-Artikolu 16, il-paragrafu 1, l-ewwel sentenza.

Madankollu, l-Istat Membru għandu jerġa' jżid id-dazju sabiex jilħaq tal-anqas dawk il-livelli mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha jkun seħħ it-tnaqqis.

Artikolu 18

Il-Portugall jista' japplika rata mnaqqsa ta' mhux iktar minn 50 % inqas minn dik stipulata fl-Artikolu 16 lil sigaretti kkonsmati fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u ta' Madeira, magħmula minn manifatturi li jaħdmu fuq skala żgħira li l-produzzjoni annwali tagħhom ma teċċedix 500 tunnellata.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAT-TABAKK MANIFATTURAT MINBARRA S-SIGARETTI

Artikolu 19

It-tabakk manifatturat minbarra s-sigaretti prodotti fl-Unjoni jew importati minn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti, f'kull wieħed mill-Istati Membri, għal dazju tas-sisa minimu kif stabbilit fl-Artikolu 20.

Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa fuq tabakk manifatturat li mhuwiex sigaretti li jista' jkun:

   (a) jew dazju *ad valorem* ikkalkulat fuq il-bażi tal-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut ta' kull prodott, iddeterminat b'mod liberu mill-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni u minn importaturi minn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 24; jew

(b) dazju speċifiku espress bħala ammont għal kull kilogramma, jew fil-każ ta' sigarri u cigarillos u tabakk imsaħħan, alternattivament għal numru speċifikat ta' unitajiet; jew

(c) taħlita tat-tnejn, li tgħaqqad element *ad valorem* u element speċifiku.

Fejn taxxa tas-sisa tkun jew *ad valorem* jew imħallta, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammont minimu ta' taxxa tas-sisa.

2. Id-dazju tas-sisa kumplessiv, espress bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru speċifikat ta' unitajiet, għandu jkun mill-anqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stipulati għal:

(a)	sigarri u cigarillos	:	30 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 80 għal kull 1 000 unità jew għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(b)	tabakk għat-tipjip		
(i)	tabakk imqatta' rqiq għall-brim tas-sigaretti	:	60 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut ta' tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 180 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(ii)	tabakk ieħor għat-tipjip	:	50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 143 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;

(c)	tabakk tal-pipa tal-ilma	:	50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 107 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(d)	tabakk imsaħħan	:	55 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 240 għal kull kilogramma, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 80 għal kull 1 000 unità, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;
(e)	tabakk manifatturat ieħor	:	50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 143 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.

Il-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun ikkalkulat b'referenza għall-valur totali tat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti rilaxxat għall-konsum, ibbażat fuq il-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, diviż bil-kwantità totali tat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti rilaxxat għall-konsum. Dan għandu jiġi ddeterminat mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena abbażi ta' data relatata mar-rilaxx għall-konsum kollu li jkun sar fis-sena kalendarja preċedenti.

3. Ir-rati jew l-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-prodotti kollha li jiffurmaw parti mill-grupp tat-tabakk manifatturat inkwistjoni, mingħajr distinzjoni f'kull grupp għal dik li hija kwalità, preżentazzjoni, oriġini tal-prodotti, il-materjali użati, il-karatteristiċi tad-ditti involuti jew kull kriterju ieħor.

3(a). B'deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' sigarri u cigarillos, meta d-dazju tas-sisa jkun jew *ad valorem* jew imħallat, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammont minimu differenti ta' dazju tas-sisa għas-sigarri jew is-cigarillos.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Lulju 2028 sal-31 ta' Diċembru 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas:

(i) 5 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 12 għal kull 1 000 unità jew għal kull kilogramma għas-sigarri u s-cigarillos;

(ii) 50 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 120 għal kull kilogramma għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti;

(iii) 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 22 għal kull kilogramma għal tabakk ieħor għat-tipjip;

(iv) 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 22 għal kull kilogramma għal tabakk tal-pipa tal-ilma;

(v) 45 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 60 għal kull 1 000 unità jew EUR 180 għal kull kilogramma għat-tabakk imsaħħan u

(vi) 0 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0 għal kull kilogramma għal tabakk manifatturat ieħor.

5. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2031, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas:

(i) 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 50 għal kull 1 000 unità jew għal kull kilogramma għas-sigarri u s-cigarillos;

(ii) 55 % tal-prezz medju ponderat tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 160 għal kull kilogramma għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti;

(iii) 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 71.5 għal kull kilogramma għal tabakk ieħor għat-tipjip;

(iv) 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 54 għal kull kilogramma għal tabakk tal-pipa tal-ilma;

(v) 50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 70 għal kull 1 000 unità jew EUR 210 għal kull kilogramma għat-tabakk imsaħħan, u

(vi) 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha, jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 71,5 għal kull kilogramma għal tabakk manifatturat ieħor.

Artikolu 20a

1. Kwalunkwe Stat Membru li għalih japplika l-Artikolu 16a jista' jiddeċiedi li jestendi l-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 4 (ii) tal-Artikolu 20 sal-31 ta' Diċembru 2031 u jipposponi u jestendi l-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 5 (ii) tal-Artikolu 20 mill-1 ta' Jannar 2032 sal-31 ta' Diċembru 2035.

2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jipposponu jew jestendu l-perjodi ta' żmien f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minn qabel.

3. Mill-1 ta' Jannar 2036, l-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga stipulata fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li r-rata minima tad-dazju tas-sisa applikata tkun f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 20, kif kienet tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikoli 12, 12a u 12b.

KAPITOLU 6

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦALL-PRODOTTI RELATATI MAT-TABAKK

Artikolu 21

Il-gruppi li ġejjin ta' prodotti relatati mat-tabakk prodotti fl-Unjoni jew importati minn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti, f'kull wieħed mill-Istati Membri, għal dazju tas-sisa minimu kif stabbilit fl-Artikolu 22:

(a) likwidi għas-sigaretti elettroniċi;

(b) boroż tan-nikotina;

(c) prodotti oħra tan-nikotina.

Artikolu 22

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa lill-prodotti relatati mat-tabakk li jista' jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) dazju *ad valorem* ikkalkulat fuq il-bażi tal-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut ta' kull prodott, iddeterminat b'mod liberu mill-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni u minn importaturi minn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 24;

(b) fil-każ tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dazju speċifiku espress bħala ammont għal kull millilitru;

(c) fil-każ ta' boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina, dazju speċifiku espress bħala ammont għal kull kilogramma;

(d) taħlita tal-punti (a) u (b), jew il-punti (a) u (c), skont il-każ, li tgħaqqad element *ad valorem* u element speċifiku.

Fejn it-taxxa tas-sisa tkun jew *ad valorem* jew imħallta, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammont minimu ta' taxxa tas-sisa.

2. Id-dazju tas-sisa kumplessiv fuq likwidi għas-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stabbiliti għal:

(a) likwidi li ma fihom ebda nikotina: 30 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,36 għal kull millilitru, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;

(b) likwidi li fihom in-nikotina: 30 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,36 għal kull millilitru, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;

3. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Lulju 2028 sal-31 ta' Diċembru 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,20 għal kull millilitru.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2031, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jinkludi t-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 0,25 għal kull millilitru.

5. Id-dazju tas-sisa kumplessiv fuq boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għar-rati jew għall-ammonti minimi stabbiliti għal:

(a) boroż tan-nikotina: 50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 50 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12;

(b) prodotti oħra tan-nikotina: 50 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 80 għal kull kilogramma, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 12.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, mill-1 ta' Lulju 2028 sal-31 ta' Diċembru 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas:

(a) boroż tan-nikotina: 10 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 30 għal kull kilogramma;

(b) prodotti oħra tan-nikotina: 10 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 30 għal kull kilogramma.

7. B'deroga mill-paragrafu 5, mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2031, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tad-dazju tas-sisa jkunu mill-inqas:

(a) boroż tan-nikotina: 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 40 għal kull kilogramma;

(b) prodotti oħra tan-nikotina: 25 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inkluż it-taxxi kollha jew ir-rata tal-Unjoni ta' EUR 50 għal kull kilogramma.

8. Ir-rati jew l-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 sa 7 għandhom japplikaw għall-prodotti kollha li jiffurmaw parti mill-grupp tal-prodotti relatati mat-tabakk inkwistjoni, mingħajr distinzjoni f'kull grupp għal dik li hija l-kwalità, preżentazzjoni, oriġini tal-prodotti, materjali użati, karatteristiċi tad-ditti involuti jew kwalunkwe kriterju ieħor.

KAPITOLU 7

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAT-TABAKK MHUX MAĦDUM

Artikolu 23

It-tabakk mhux maħdum imkabbar fl-Unjoni u importat minn pajjiżi terzi għandu jkun soġġett, f'kull Stat Membru, għal dazju tas-sisa minimu ta' EUR 0 għal kull kilogramma.

KAPITOLU 8

L-IFFISSAR TAL-PREZZ MASSIMU TAL-BEJGĦ BL-IMNUT TAT-TABAKK MANIFATTURAT U TAL-PRODOTTI RELATATI MAT-TABAKK

Artikolu 24

1. Manifatturi, jew, fejn xieraq, ir-rappreżentanti jew aġenti awtorizzati tagħhom fl-Unjoni u importaturi tat-tabakk manifatturat u tal-prodotti relatati mat-tabakk minn pajjiżi terzi għandhom ikunu liberi li jistabbilixxu l-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut għal kull prodott tagħhom għal kull Stat Membru fejn dawn il-prodotti huma maħsuba li jiġu rilaxxati għall-konsum.

   L-ewwel subparagrafu ma jistax, madankollu, ifixkel l-implementazzjoni tas-sistemi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kontroll tal-livell tal-prezzijiet jew l-osservanza ta' prezzijiet imposti, sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

2. Biex jiffaċilitaw il-ġbir tad-dazju tas-sisa, l-Istati Membri jistgħu, għal kull grupp ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk, jistabbilixxu skala ta' prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut bil-kundizzjoni li kull skala għandha firxa u varjetà suffiċjenti biex tikkorrispondi effettivament għall-varjetà ta' prodotti li joriġinaw mill-Unjoni.

Kull skala għandha tkun valida għall-prodotti kollha li jappartjenu lill-grupp ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk ikkonċernata minnha, mingħajr distinzjoni fuq il-bażi ta' kwalità, preżentazzjoni, l-oriġini tal-prodotti jew tal-materjali użati, il-karatteristiċi tal-intrapriżi jew ta' kwalunkwe kriterju ieħor.

KAPITOLU 9

ĠBIR TA' DAZJU TAS-SISA, EŻENZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET

Artikolu 25

1. Meta jiġbru d-dazju tas-sisa permezz ta' bolol ta' taxxa, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jagħmlu dawk il-bolol disponibbli lill-manifatturi u negozjanti fi Stati Membri oħra. Fejn jiġbru t-taxxa tas-sisa b'mezzi oħra, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-ebda ostaklu, la amministrattiv u lanqas tekniku, ma jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fuq dawk il-merti.

2. Importaturi u manifatturi tal-Unjoni ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk għandhom ikunu soġġetti għas-sistema stipulata fil-paragrafu 1 fir-rigward tar-regoli dettaljati biex jinġabar u jitħallas id-dazju tas-sisa.

Artikolu 26

1. Meta japplikaw id-dazju tas-sisa fuq it-tabakk mhux maħdum, l-Istati Membri għandhom jirrimborżaw ammont ta' dazju tas-sisa li jkun tħallas għat-tabakk mhux maħdum użat għall-produzzjoni tat-tabakk manifatturat.

   L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-formalitajiet li għalihom huma soġġetti l-eżenzjonijiet u r-rifużjonijiet.

2. Is-sustanzi li ġejjin jistgħu jiġu eżentati mit-taxxa tas-sisa jew taxxa tas-sisa diġà mħallsa fuqhom tista' tingħata lura:

   (a) tabakk denaturat manifatturat użat għal finijiet industrijali u ortikulturali;

   (b) tabakk manifatturat, prodotti relatati mat-tabakk u tabakk mhux maħdum li jinqerdu taħt superviżjoni amministrattiva;

   (c) tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk li huma intiżi unikament għal testijiet xjentifiċi konnessi mal-kwalità tal-prodott;

   (d) tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk li reġgħu nħadmu mill-produttur.

   L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-formalitajiet li għalihom huma soġġetti dawk l-eżenzjonijiet jew ir-rifużjonijiet.

KAPITOLU 10

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 27

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika darba fis-sena l-valur tal-euro fil-muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat għall-ammonti tad-dazju tas-sisa kumplessiv.

   Ir-rati tal-kambju li għandhom jiġu applikati għandhom jiġu kkalkulati bħala r-rata tal-kambju medja tal-jiem ta' negozju bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju. Dawk ir-rati tal-kambju medji għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li jkun imiss.

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu l-ammonti tat-taxxi tas-sisa fis-seħħ fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 1 jekk il-konverżjoni tal-ammonti tat-taxxi tas-sisa espressi f'euro jirriżultaw f'żieda ta' inqas minn 5 % jew inqas minn EUR 5, skont liema ammont hu l-aktar baxx, fit-taxxa tas-sisa espressa f'munita nazzjonali.

Artikolu 28

1. Sal-31 ta' Diċembru 2032 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

   Ir-rapport mill-Kummissjoni għandu jeżamina l-livelli ta' tassazzjoni b'kont meħud tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, is-saħħa pubblika, il-valur reali tar-rati tad-dazju tas-sisa, l-effett tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti armonizzati ta' moviment u kontroll għall-inklużjoni tat-tabakk mhux maħdum fl-EMCS biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu, u l-objettivi aktar ġenerali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapport għandu jivvaluta l-applikazzjoni u l-impatt tad-dispożizzjonijiet dwar it-tabakk mhux maħdum inkwantu tal-evażjoni tat-taxxa u l-frodi.

L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni disponibbli meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport, inkluż id-data statistika meħtieġa biex tappoġġa valutazzjoni tal-kobor tad-dħul mitluf mis-sisa kull sena fit-territorju tagħhom minħabba nuqqas ta' konformità.

2. Ir-rapport msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq it-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina mingħajr dewmien żejjed din id-Direttiva, filwaqt li tqis ir-reviżjoni futura tad-Direttiva 2014/40/UE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk).

Artikolu 29

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa stabbilit mill-Artikolu 52(1) tad-Direttiva (UE) 2020/262. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[L-Artikolu 30 jitħassar]

Artikolu 31

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-30 ta' Ġunju 2028, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1, l-Artikolu 2(1), il-punti (d), (e) u (f), l-Artikolu 2(2) sa (6), l-Artikolu 4(1), il-punt (a), l-Artikolu 4(3), l-Artikoli 6 sa 12, l-Artikoli 16 u 17, l-Artikolu 20(1), il-punt (b), l-Artikolu 20(2), (4) u (5), l-Artikoli 21 sa 24, l-Artikolu 25(2), l-Artikolu 26 u l-Artikolu 28(1). Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2028.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Dawn għandhom jinkludu dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 32

Id-Direttiva 2011/64/UE hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2028, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali u d-dati tal-applikazzjoni tad-Direttivi stipulati fl-Anness I, Parti B, tad-Direttiva 2011/64/UE.

Referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jiġu jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness.

Artikolu 33

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (c), l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5, l-Artikoli 13, 14, 15 u 17, l-Artikolu 19, l-Artikolu 20(1), il-punti (a) u (c), l-Artikolu 20(3), l-Artikolu 25(1), l-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2028.

Artikolu 34

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President